# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

9 ta' Novembru 2010 *

Fil-Kawża C-296/10,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Amtsgericht Stuttgart (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Mejju 2010, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Ġunju 2010, fil-proċedura

**Bianca Purrucker**

vs

**Guillermo Vallés Pérez,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J. N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, A. Arabadjiev, A. Rosas (Relatur), U. Lõhmus u A. Ó Caoimh, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat id-deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 2010 li tissuġġetta l-kawża għall-proċedura mħaffa skont l-Artikolu 23a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 104a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-27 ta' Settembru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Purrucker, minn B. Steinacker, avukat,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u J. Kemper, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, bħala aġent,

— għall-Gvern Spanjol, minn J. M. Rodríguez Cárcamo, bħala aġent,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u B. Beaupère-Manokha, bħala aġenti,

— għall-Gvern tar-Renju Unit, minn F. Penlington, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn A.-M. Rouchaud-Joët u S. Grünheid, bħala aġenti,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn B. Purrucker u G. Vallés Pérez fir-rigward tad-dritt ta' kustodja ta' binhom Merlín.

## Il-kuntest ġuridiku

3 Qabel ir-Regolament Nru 2201/2003 kien hemm fis-seħħ ir-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 1347/2000, tad-29 ta' Mejju 2000, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri għall-ulied taż-żewġ konjuġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 1, p. 209). Ir-Regolament Nru 1347/2000 ġie rrevokat permezz tar-Regolament Nru 2201/2003, li għandu kamp ta' applikazzjoni iktar wiesa'.

4 Il-premessi 12, 16 u 21 tar-Regolament Nru 2201/2003 jistabbilixxu:

"(12) Ir-raġunijiet ta' l-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri stabbiliti fir-Regolament preżenti huma fformati fi ħdan l-aqwa interessi għall-minuri, u partikolarment dwar il-kriterju ta' l-qrubija. Dan ifisser li l-ġurisdizzjoni għandha toqgħod l-ewwelnett ma' l-Istat Membru tar-residenza abitwali ta' l-minuri, ħlief għal ċerti każijiet fejn hemm tibdil fir-residenza ta' l-minuri jew skond ftehim bejn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità.

[...]

(16) Dan ir-Regolament m'għandux jimpedixxi lill-qrati ta' xi Stat Membru milli jieħdu miżuri proviżorji, inkluzi dawk protettivi, f'każijiet urġenti, fir-rigward ta' persuni jew proprjetà li tinstab f'dak l-Istat.

[…]

(21) Ir-rikonoxximent u l-infurzar ta’ sentenzi mogħtija fi Stat Membru għandu jiġi bbażat fuq il-prinċipju ta’ fiduċja reċiproka u l-bażi għal nuqqas ta’ rikonoxximent għandu jinżamm għall-minimu neċessarju.”

5 Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 2201/2003:

“Għall-għanijiet ta’ dan ir-Regolament:

1) Il-kelma ‘qorti’ għandha tkopri l-awtoritajiet kollha fl-Istati Membri bil-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt u li huma nkluzi fil-kompetenza ta’ dan ir-Regolament skond l-Artikolu 1;

[…]

4) il-kelma ‘sentenza’ għandha tfisser divorzju, separazzjoni legali jew annullament taż-żwieġ, kif ukoll sentenza dwar ir-responsabbilità ta’ l-ġenituri, iddikjarata minn qorti ta’ Stat Membru, hu x’inhu t-terminu li tista’ tiġi msejjħa bih is-sentenza, inkluzi diġriet, ordni jew deċiżjoni;

[…]

7) il-kliem 'responsabbilità ta' l-ġenituri' għandhom ifissru d-drittijiet u r-responsabbilitajiet kollha dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' l-minuri li huma moghtija lil persuna jew persuna legali b'sentenza, bl-operazzjoni ta' l-liġi jew b'xi fteħim li għandu effetti legali. Il-kliem se jinkludu d-drittijiet ta' kustodja u d-drittijiet ta' l-aċċess;

[…]

9) il-kliem 'drittijiet ta' kustodja' għandhom jinkludu drittijiet u responsabbilitajiet dwar il-kura ta' l-persuna ta' l-minuri, u partikolarment id-drittijiet li jiddeterminaw il-post ta' residenza ta' l-minuri;

[…]"

6 L-Artikolu 8(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbilità ta' l-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru fiż-żmien li l-qorti tkun ħadet il-pussess."

7 L-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 2201/2003, intitolat "Il-Pussess ta' Qorti", jiddisponi:

"1. Qorti għandha tiġi kkunsidrata li hija fil-pussess;

a) fiż-żmien li d-dokument li istitwixxa l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti jiġu ppreżentati l-qorti, dement li l-applikant ma naqasx/sitx sussegwentement milli jieħu/tieħu l-passi neċessarji li kienu dovuti li sabiex issir in-notifika fuq il-konvenut;

jew

b) jekk id-dokument għandu jiġi notifikat qabel ma jiġi ppreżentat il-qorti, waqt iż-żmien li jiġi riċevut mill-awtorità responsabbli għas-servizz, dement li l-applikant ma jonqosx milli jieħu l-passi li kellu jieħu biex id-dokument jiġi ppreżentat il-qorti."

8 Skont l-Artikolu 17 ta' dan ir-regolament:

"Fejn qorti ta' Stat Membru għandha l-pussess dwar każ li m'għandiex il-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament u dwar liema xi qorti ta' Stat Membru ieħor għandha l-ġurisdizzjoni bis-saħħa ta' dan ir-Regolament, għandha tiddikjara b'mozzjoni proprja li m'għandhiex ġurisdizzjoni."

9 L-Artikolu 19(2) u (3) ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"2. Fejn il-proċedimenti dwar ir-responsabbilità ta' l-ġenituri dwar l-istess minuri [suġġett] u li tinkludi l-istess kawża [bażi ġuridika] se jidħru quddiem qrati fi Stati Membri differenti, it-tieni qorti li ħadet il-pussess għandha b'mozzjoni tagħha stess żżomm il-proċedimenti sakemm il-ġurisdizzjoni ta' l-ewwel qorti tiġi stabbilita.

3. Fejn il-ġurisdizzjoni ta' l-ewwel qorti li ħadet il-pussess tiġi stabbilita, it-tieni qorti bil-pussess għandha iċċedi l-ġurisdizzjoni favur dik il-qorti.

F'dak il-każ, il-parti li tkun ġabet il-kawza relevanti quddiem il-qorti li ħadet il-ta' l-pussess wara, tista' ġġib dik il-kawza quddiem il-qorti li ħadet ita' l-pussess l-ewwel."

10 L-Artikolu 20 tal-istess regolament, intitolat "Il-Miżuri provviżorji, inklużi dawk protettivi", jiddisponi:

"1. F'każijiet urgenti, id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mhux se jħallu l-qrati ta' Stat Membru milli jieħu dawk il-miżuri provviżorji, inkluzi dawk protettivi fir-rigward ta' persuni jew assi f'dak l-Istat kif huma disponibbli taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru, anke jekk, taħt dan ir-Regolament, il-qorti ta' Stat Membru ieħor għandha l-ġurisdizzjoni nkwantu għas-sustanza ta' l-kwistjoni.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx jibqgħu japplikaw meta l-qorti ta' l-Istat Membru li għandha l-ġurisdizzjoni taħt dan ir-Regolament nkwantu għas-sustanza ta' l-kwistjoni, ħadet il-miżuri li dehrilha xierqa."

11 L-Artikoli 21 *et seq* tar-Regolament Nru 2201/2003 jirrigwardaw ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi. Dan l-Artikolu 21(1), jipprovdi b'mod partikolari li sentenzi mogħtija fi Stat Membru huma rikonoxxuti fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' ebda proċedura.

12 L-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprovdi li l-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini ma tistax tiġi riveduta.

**Il-fatti fil-kawża prinċipali u l-proċeduri pendenti**

13 Mid-deċiżjoni tar-rinviju, mill-fatti msemmija fis-sentenza tal-15 ta' Lulju 2010, Purrucker (C-256/09, Ġabra p. I-7353), u mill-proċess tal-kawża li ntbagħat lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju, jirriżulta li f'nofs l-2005, B. Purrucker, ċittadina Ġermaniża, marret tgħix fi Spanja ma' G. Vallés Pérez, ċittadin Spanjol imwieled il-Ġermanja. Fil-31 ta' Mejju 2006, mir-relazzjoni tagħhom twieldu tewmin, Merlín, tifel, u Samira, tifla, li ġew imwielda qabel iż-żmien. G. Vallés Pérez irrikonoxxa lill-ulied. Minħabba li l-ġenituri jgħixu flimkien, huma għandhom, skont il-liġi Spanjola, dritt ta' kustodja konġunta. L-ulied għandhom ċittadinanza Ġermaniża u Spanjola.

14 Billi r-relazzjoni bejn B. Purrucker u G. Vallés Pérez iddeterjorat, B. Purrucker xtaqet tirritorna lejn il-Ġermanja ma' uliedha, filwaqt li G. Vallés Pérez inizjalment oppona. Fit-30 ta' Jannar 2007, il-partijiet laħqu ftehim notarili li kellu jiġi approvat minn qorti sabiex ikun infurzabbli, li permezz tiegħu B. Purrucker għandha tmur tgħix il-Ġermanja flimkien mal-ulied.

15 Minħabba kumplikazzjonijiet u l-ħtieġa ta' intervent kirurġiku, Samira ma setgħetx tħalli l-isptar fil-jum tat-tluq. B. Purrucker għalhekk telqet lejn il-Ġermanja ma' binha Merlín fit-2 ta' Frar 2007. Minħabba f'dawn iċ-ċirkustanzi partikolari, fil-kawża prinċipali bejn il-partijiet, qed tiġi kkontestata l-kwistjoni dwar jekk G. Vallés Pérez kienx għadu jaqbel mat-tluq ta' B. Purrucker ma' Merlín.

16 Ir-residenza tal-membri tal-familja ma nbiddlitx mit-tluq ta' B. Purrucker fit-2 ta' Frar 2007.

17 Hemm tliet proċeduri pendenti bejn il-partijiet fil-kawża prinċipali:

— l-ewwel waħda, fi Spanja, quddiem il-Juzgado de Primera Instancia n. 4 de San Lorenzo de El Escorial, għandha bħala suġġett l-għoti ta' miżuri provviżorji, mibdija minn G. Vallés Pérez. Ma jistax jiġi eskluż li din il-proċedura, taħt ċerti kundizzjonijiet, tidher li tista' titqies li hija proċedura fuq il-mertu li s-suġġett tagħha huwa l-għoti tad-dritt ta' kustodja ta' Merlín u Samira;

— it-tieni waħda, fil-Ġermanja, mibdija minn G. Vallés Pérez, li għandha bħala suġġett l-infurzar tas-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007 mogħtija mill-Juzgado de Primera Instancia n.° 4 de San Lorenzo de El Escorial, li tistabbilixxi miżuri provviżorji u li wasslet għas-sentenza Purrucker, iċċitata iktar 'il fuq, u

— it-tielet waħda, fil-Ġermanja, mibdija minn B. Purrucker, li għandha bħala suġġett l-għoti tad-dritt ta' kustodja fuq l-istess ulied. Din hija l-proċedura li wasslet għat-talba għal deċiżjoni preliminari.

*Il-proċeduri mibdija fi Spanja għall-għoti ta' miżuri provviżorji dwar il-kustodja tal-ulied u eventwalment għal deċiżjoni fuq il-mertu*

18 Peress li ma baqax iħossu marbut bil-ftehim notarili tat-30 ta' Jannar 2007, G. Vallés Pérez beda, f'Ġunju 2007, proċedura għall-finijiet tal-għoti ta' miżuri provviżorji u, b'mod partikolari, tad-dritt ta' kustodja tal-ulied, Merlín u Samira, quddiem il-Juzgado de Primera Instancia n. 4 de San Lorenzo de El Escorial.

19 Is-seduta saret fis-26 ta' Settembru 2007. B. Purrucker ippreżentat osservazzjonijiet bil-miktub u kienet irrappreżentata.

20 Permezz ta' sentenza tat-8 ta' Novembru 2007, il-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial ikkunsidrat li għandha ġurisdizzjoni u adottat miżuri urġenti u provviżorji, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' kustodja tal-ulied. Din is-sentenza kienet is-suġġett ta' sentenza emendatorja tat-28 ta' Novembru 2007.

21 Skont ċerti elementi inklużi fil-proċess, fid-dritt Spanjol, meta miżuri provviżorji jiġu mitluba u jinkisbu qabel talba fuq il-mertu, l-effetti tagħhom jieqfu biss jekk it-talba kontenzjuża prinċipali titressaq fit-30 ġurnata wara l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri provviżorji.

22 F'data mhux speċifikata f'Jannar 2008 u li ma tirriżulta minn ebda parti tal-proċess ipprovdut mill-qorti tar-rinviju, G. Vallés Pérez ressaq talba fuq il-mertu quddiem il-Juzgado de Primera Instancia n. 4, de San Lorenzo de El Escorial. B. Purrucker tallega li din it-talba kienet tardiva.

23 Permezz ta' sentenza tat-28 ta' Ottubru 2008, il-Juzgado de Primera Instancia n. 4 de San Lorenzo de El Escorial iddeċidiet dwar il-kwistjoni "ta' l-ewwel qorti li ħadet il-pussess" fis-sens tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament Nru 2201/2003. Hija tinnota li diġà ddeċidiet fuq il-kwistjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha fis-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007 u fakkret il-fatti varji ta' rbit iċċitati f'din is-sentenza. Hija tindika li fit-28 ta' Ġunju 2007, laqgħet it-talba għall-għoti ta' miżuri provviżorji dwar il-kustodja tal-ulied. Peress li kien biss f'Settembru 2007 li l-omm ressqet il-kawża quddiem il-qorti Ġermaniża, il-Juzgado de Primera Instancia n. 4 de San Lorenzo de El Escorial ikkunsidrat lilha nnifisha bħala "l-ewwel qorti li ħadet il-pussess" u ddikjarat li hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tisma' l-kawża skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 2201/2003.

24 Permezz ta' sentenza tal-21 ta' Jannar 2010, l-Audiencia Provincial de Madrid (Spanja), li quddiemha appellat B. Purrucker, ikkonfermat is-sentenza tat-28 ta' Ottubru 2008. Il-qorti tal-appell ikkunsidrat li, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 2201/2003, l-ewwel talba hija t-talba għal miżuri provviżorji mressqa skont id-dritt Spanjol quddiem il-Juzgado de Primera Instancia n.° 4 de San Lorenzo de El Escorial, li tressqet qabel it-talba mressqa quddiem il-qorti Ġermaniża. Barra minn dan, l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, invokat minn B. Purrucker, jekk applikabbli f'din il-kawża, ma jistabbilixxi l-ebda regola dwar ġurisdizzjoni u jikkonċerna biss l-adozzjoni ta' miżuri kawtelatorji biss f'każ ta' urġenza, filwaqt li l-ġurisdizzjoni, li hija s-suġġett ta' din il-kawża, hija ddeterminata skont ir-regoli previsti fl-Artikolu 19 ta' dan ir-regolament. Din is-soluzzjoni hija wkoll konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22(3) tal-liġi qafas dwar is-setgħa ġudizzjarja (Ley Orgánica del Poder Judicial).

*Il-proċedura mibdija fil-Ġermanja għall-infurzar tas-sentenza tat-8 ta' Novembru 2007 mogħtija mill-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial*

25 Din hija l-proċedura li wasslet għas-sentenza Purrucker, iċċitata iktar 'il fuq. G. Vallés Pérez fil-bidu eżiġa, fost l-oħrajn, l-għoti lura tal-wild Merlín u ppreżenta, bħala miżura kawtelatorja, rikors intiż li tiġi ddikjarata l-infurzabbiltà tas-sentenza mogħtija fit-8 ta' Novembru 2007 mill-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial. Wara, huwa talab l-ewwel nett l-infurzar ta' din is-sentenza. Konsegwentement, l-Amtsgericht Stuttgart, permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Lulju 2008, u l-Oberlandesgericht Stuttgart (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Settembru 2008 meħuda b'rikors, infurzaw din is-sentenza.

26 Insegwitu għal rikors għal reviżjoni mressaq minn B. Purrucker, il-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) għamel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Bis-sentenza Purrucker, iċċitata iktar 'il fuq, din irrispondiet li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 21 *et seq* tar-Regolament Nru 2201/2003 ma japplikawx għal miżuri provviżorji, fil-qasam tad-dritt ta' kustodja, li jaqgħu taħt l-Artikolu 20 tal-imsemmi regolament.

27 Fil-punt 76 tas-sentenza Purrucker, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari indikat li meta l-ġurisdizzjoni fuq il-mertu, skont ir-Regolament Nru 2201/2003, ta' qorti li tkun adottat miżuri provviżorji ma tirriżultax, mill-evidenza kollha, mill-elementi tad-deċiżjoni adottata, jew li din id-deċiżjoni ma tinkludix motivazzjoni li ma hijiex nieqsa minn kull ambigwità, dwar il-ġurisdizzjoni tal-mertu ta' din il-qorti, b'riferiment għall-wieħed mill-elementi tal-ġurisdizzjoni msemmija fl-Artikoli 8 sa 14 ta' dan ir-regolament, jista' jiġi konkluż li l-imsemmija deċiżjoni ma tkunx ġiet adottata skont ir-regoli tal-ġurisdizzjoni stabbiliti mill-imsemmija regolament.

*Il-proċedura mibdija fil-Ġermanja għall-għoti tad-dritt ta' kustodja*

28 Fl-20 ta' Settembru 2007, permezz ta' rikors fuq il-mertu mressaq quddiem l-Amtsgericht Albstadt (il-Ġermanja), B. Purrucker talbet li tingħata l-kustodja esklużiva tal-ulied Merlín u Samira. Din it-talba ġiet innotifikata lill-konvenut fil-kawża prinċipali fit-22 ta' Frar 2008 permezz ta' ittra rreġistrata b'dikjarazzjoni ta' riċevuta. Madankollu, huwa kien diġà ġie preċedentement informat b'din it-talba, hekk kif ukoll il-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial.

29 B'mod partikolari mid-deċiżjonijiet tal-25 ta' Settembru 2007 u tad-9 ta' Jannar 2008 tal-Amtsgericht Albstadt jirriżulta li, skont din il-qorti, it-talba ta' B. Purrucker ma kellha l-ebda ċans ta' suċċess. Fil-fatt, billi l-ġenituri ma kinux miżżewġin u ma kienx jidher li teżisti dikjarazzjoni ta' kustodja konġunta, u li l-ftehim notarili tat-30 ta' Jannar 2007 ma setax jiġi interpretat bħala li jikkostitwixxu tali dikjarazzjoni, B. Purrucker kellha d-dritt ta' kustodja esklużiva fuq l-ulied, b'mod li deċiżjoni ta' għoti tad-dritt ta' kustodja ma kinitx meħtieġa. L-Amtsgericht Albstadt semmiet ukoll il-proċeduri pendenti fi Spanja.

30 Permezz ta' deċiżjoni tad-19 ta' Marzu 2008, l-Amtsgericht Albstadt b'mod partikolari ċaħħdet, fuq nuqqas ta' kompetenza, it-talba ta' B. Purrucker f'dak li jirrigwarda l-wild Samira. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata fil-5 ta' Mejju 2008 mill-Oberlandesgericht Stuttgart. Fid-deċiżjoni tagħha, l-Oberlandesgericht Stuttgart nnotat li dan il-wild, sa mit-twelid tiegħu, kellu r-residenza abitwali tiegħu fi Spanja. Skont din il-qorti, l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 2201/2003 ma japplikax għall-fatti ta' din il-kawża u l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 15 tal-istess regolamenti ma kinux issodisfatti.

31 Permezz ta' deċiżjoni oħra tad-19 ta' Marzu 2008, l-Amtsgericht Albstadt issospendiet il-proċeduri ta' dritt ta' kustodja f'dak li jirrigwarda l-wild Merlín skont

l-Artikolu 16 tal-Konvenzjoni ta' Den Haag, tal-25 ta' Ottubru 1980, dwar aspetti ċivili ta' ħtif internazzjonali ta' minuri (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980"). Dawn il-proċeduri reġgħu ssokktaw fit-28 ta' Mejju 2008 fuq talba ta' B. Purrucker minħabba li sa dik id-data, G. Vallés Pérez ma kienx talab għar-ritorn fuq il-bażi tal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980. Ebda talba oħra ma ġiet ippreżentata sussegwentement.

32 Minħabba fit-talba għall-infurzar tas-sentenza tal-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial, tat-8 ta' Novembru 2007, imressqa minn G. Vallés Pérez, il-proċedura li tirrigwarda d-dritt ta' kustodja ġiet assenjata lill-Amtsgericht Stuttgart, skont l-Artikolu 13 tal-liġi dwar l-infurzar u l-applikazzjoni ta' ċerti strumenti legali fil-qasam tad-dritt internazzjonali tal-familja (Gesetz zur Aus- und Durchführung bestimmter Rechtsinstrumente auf dem Gebiet des internationalen Familienrechts).

33 Fis-16 ta' Lulju 2008, B. Purrucker ressqet talba, fuq il-bażi tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, quddiem l-Amtsgericht Stuttgart, sabiex tikseb miżura provviżorja li tagħtiha l-kustodja esklużiva ta' binha Merlín, jew, sussidjarjament, id-dritt esklużiv li tiffissa r-residenza ta' dan il-wild. Il-kuntest ta' din it-talba kien ikkaratterizzat, b'mod partikolari, minn problemi li dehru matul kontrolli mediċi ta' prevenzjoni. Permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' Lulju 2008, l-eżenzjoni mitluba ġiet irrifjutata, minħabba nuqqas ta' urġenza fis-sens tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003. L-Amtsgericht Stuttgart b'mod partikolari rrilevat li l-wild kien kopert mis-sigurtà soċjali ta' missieru fi Spanja u li, jekk meħtieġ, huwa possibbli li jiġi ordnat r-ritorn tal-karta tal-assigurazzjoni għall-mard lill-omm.

34 Mill-proċess ikkomunikat lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li fix-xhur ta' Awwissu, ta' Settembru u ta' Ottubru 2008, l-Amtsgericht Stuttgart ippruvat fil-kuntest tal-proċedura fuq il-mertu pendenti quddiemha, diversi drabi u b'diversi mezzi, b'mod partikolari permezz tal-maġistrat Spanjol ta' kuntatt fin-netwerk ġudizzjarju Ewropew (NĠE), tagħmel kuntatt mal-Juzgado de Primera Instancia

n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial sabiex issir taf jekk kienx hemm ukoll quddiemha proċedura fuq il-mertu. Madankollu, l-isforzi tagħha baqgħu mingħajr suċċess.

35 Fit-28 ta' Ottubru 2008, l-Amtsgericht Stuttgart adottat deċiżjoni li fiha ddeskriviet il-passi meħuda permezz tal-maġistrat Spanjol ta' kuntatt u n-nuqqas ta' risposta min-naħa tal-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial. Hija talbet lill-partijiet sabiex jipprovdu u jipprovaw, l-ewwel nett, id-data tat-talba għal miżuri provviżorji mill-missier fi Spanja, it-tieni nett, in-notifika tas-sentenza tal-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial, tat-8 ta' Novembru 2007 u, it-tielet nett, it-tressiq tat-talba fuq il-mertu mill-missier fi Spanja kif ukoll id-data tan-notifika ta' din it-talba lill-omm.

36 Fit-28 ta' Ottubru 2008, il-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial adottat ukoll is-sentenza li l-kontenut tagħha huwa deskritt fil-punt 23 ta' din is-sentenza u li fiha tirreferi għall-ittra indirizzata lilha mill-Amtsgericht Stuttgart.

37 Wara li stiednet lill-partijiet sabiex jieħdu pożizzjoni mill-ġdid, l-Amtsgericht Stuttgart adottat deċiżjoni, fit-8 ta' Diċembru 2008. Din issemmi s-sentenza tal-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial, tat-28 ta' Ottubru 2008, u tal-appell ippreżentat minn B. Purrucker kontriha. Hija ħasset li ma setgħetx hija stess tiddeċiedi fuq il-kwistjoni "ta' l-ewwel qorti li ħadet il-pussess" għaliex din taffettwa ċ-ċertezza legali billi żewġ qrati ta' Stati Membri differenti jistgħu jadottaw deċiżjonijiet kunfliġġenti. Il-kwistjoni għandha tiġi deċiża mill-qorti li qalet l-ewwel li għandha ġurisdizzjoni. Għaldaqstant, l-Amtsgericht Stuttgart iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 sakemm id-deċiżjoni tal-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial, tat-28 Ottubru 2008 issir *res judicata*.

38 B. Purrucker ippreżentat rikors kontra d-deċiżjoni tal-Amtsgericht Stuttgart tat-8 ta' Diċembru 2008. Fl-14 ta' Mejju 2009, l-Oberlandesgericht Stuttgart annullat id-deċiżjoni u bagħtet il-kawża quddiem l-Amtsgericht Stuttgart sabiex tadotta deċiżjoni ġdida. L-Oberlandesgericht Stuttgart qieset li qorti setgħet tistħarreġ hija stess il-ġurisdizzjoni tagħha u li l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jagħti lil ebda qorti li quddiemha tressqet il-kawża l-ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tiddetermina liema kienet l-ewwel qorti li tressqet quddiemha l-kawża. L-Oberlandesgericht Stuttgart irrilevat li t-talba dwar id-dritt ta' kustodja, imressqa fi Spanja f'Ġunju 2007 minn G. Vallés Pérez, tidħol fil-kuntest ta' proċedura intiża għall-għoti ta' miżuri provviżorji, filwaqt li t-talba dwar id-dritt ta' kustodja, imressqa fil-Ġermanja fl-20 ta' Settembru 2007 minn B. Purrucker, tikkostitwixxi rikors fuq il-mertu. Dan ir-rikors u l-proċedura għall-għoti ta' miżuri provviżorji għandhom bħala suġġett kontroversji differenti jew talbiet differenti. Fejn xieraq, għandha tiġi ammessa l-eżistenza ta' kunflitt pożittiv ta' ġurisdizzjoni bejn żewġ qrati.

39 Permezz ta' digriet tat-8 ta' Ġunju 2009, l-Amtsgericht Stuttgart reġgħet talbet lill-partijiet jindikawlha f'liema stadju kienet tinsab il-proċedura mibdija fi Spanja u stednithom jieħdu pożizzjoni fuq il-possibbiltà li jagħmlu domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-determinazzjoni tal-ewwel qorti li quddiemha tressqet il-kawża, skont l-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

40 Permezz ta' digriet tad-19 ta' Ottubru 2009, l-Amtsgericht Stuttgart issuġġerit lill-partijiet ftehim, li huma setgħu jew jiffissaw flimkien il-post tar-residenza abitwali ta' Merlín għand B. Purrucker u dik ta' Samira għand G. Vallés Pérez, suġġetta għaż-żamma tad-dritt ta' kustodja konġunta, jew jitolbu, bi ftehim bejniethom, li d-dritt ta' kustodja ta' Merlín jingħata lil B. Purrucker u li d-dritt ta' kustodja ta' Samira jingħata lil G. Vallés Pérez. Il-proposta madankollu ma ġietx aċċettata.

41 Fit-13 ta' Jannar 2010, saret seduta quddiem l-Amtsgericht Stuttgart fil-preżenza tal-partijiet fil-kawża prinċipali, b'G. Vallés Peréz ikun irrappreżentat mill-avukat tiegħu. Il-fehmiet ta' dawn tal-aħħar la setgħu jkunu armonizzati u lanqas rikonċiljati.

42 Fil-21 ta' Jannar 2010, l-Audiencia Provincial de Madrid iddeċidiet l-appell ippreżentat minn B. Purrucker permezz tas-sentenza msemmija fil-punt 24 ta' din is-sentenza. Din is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2010 ġiet ikkomunikata lill-Amtsgericht Stuttgart permezz ta' ittra mill-avukat Ġermaniż ta' G. Vallés Pérez.

**Id-deċiżjoni tar-rinviju u d-domandi preliminari**

43 Fid-deċiżjoni tar-rinviju, l-Amtsgericht Stuttgart tesponi għaliex hija tal-fehma li ma hemm l-ebda dubju raġonevoli dwar il-fatt li Merlín kellu r-residenza abitwali tiegħu fil-Ġermanja fil-21 ta' Settembru 2007, meta ġiet imressqa t-talba għall-għoti tal-kustodja tiegħu minn B. Purrucker.

44 Skont din il-qorti, il-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial ma kellhiex, fuq il-bażi tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2201/2003, ġurisdizzjoni mingħajr interruzzjoni sal-21 ta' Settembru 2007 billi l-membri tal-familja qabel kellhom ir-residenza abitwali komuni tagħhom fi Spanja, għaliex la huwa kredibbli u lanqas huwa ppruvat li t-tneħħija ta' Merlín, minn B. Purrucker, minn Spanja lejn il-Ġermanja kien illegali. Il-ftehim notarili tat-30 ta' Jannar 2007 u, barra minn dan, in-nuqqas effettiv ta' talba ta' ritorn, magħmula skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 2201/2003 flimkien mal-Konvenzjoni ta' Den Haag tal-1980, jikkostitwixxu

elementi li jirribattu t-teżi ta' tneħħija nġusta ta' wild fis-sens tal-Artikolu 2(11) ta' dan ir-regolament. Il-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial, għalhekk, ma tibbażax il-ġurisdizzjoni tagħha fuq din id-dispożizzjoni.

45 L-Amtsgericht Stuttgart tfakkar li skont l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 2201/2003, għandu jitqies li tkun tressqet kawża quddiem qorti mid-data li fiha l-att promotur huwa ppreżentat fil-qorti, sakemm ir-rikorrent ma jkunx sussegwentament naqas milli jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex l-att jiġi nnotifikat lill-konvenut.

46 L-Amtsgericht Stuttgart tippreċiża li r-rikors tal-20 ta' Settembru 2007 ġie ppreżentat quddiem l-Amtsgericht Albstadt fil-21 ta' Settembru 2007, iżda li ġie nnotifikat lill-konvenut fil-kawża prinċipali biss fit-22 ta' Frar 2008, għal raġunijiet li B. Purrucker ma hijiex responsabbli għalihom, relatati mal-kontestazzjoni tal-ġurisdizzjoni internazzjonali ta' din il-qorti sabiex tadotta miżuri fil-qasam tad-dritt ta' kustodja fir-rigward ta' bint il-partijiet fil-kawża prinċipali, Samira.

47 L-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprovdi li qorti ta' Stat Membru, li l-ewwel tkun tressqet kawża quddiemha dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward ta' wild, primarjament għandha ġurisdizzjoni għall-kuntrarju ta' qorti ta' Stat Membru ieħor li sussegwentement tressqet kawża quddiemha li għandha l-istess suġġett u l-istess bażi ġuridika. Skont il-qorti tar-rinviju, is-suġġett tal-kawża li wasslet għall-bidu, f'Ġunju 2007, ta' proċedura għal miżuri provviżorji quddiem il-qorti Spanjola hija identika għal dik li wasslet għar-rikors fuq il-mertu li tressqet quddiem il-qorti Ġermaniża f'Settembru 2007. Iż-żewġ proċeduri kellhom fil-fatt bħala suġġett talba għall-ksib ta' miżuri legali fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri dwar

l-istess wild. Kull waħda miż-żewġ partijiet jitolbu, f'kull każ, li jingħataw il-kustodja esklużiva. Fiż-żewġ proċeduri, il-partijiet huma identiċi.

48 Il-prijorità fiż-żmien ta' proċedura hija apprezzata taħt l-Artikolu 16 tar-Regolament Nru 2201/2003. L-Amtsgericht Stuttgart madankollu tinnota li l-ifformular ta' din id-dispożizzjoni ma tagħmel ebda distinzjoni bejn rikors fuq il-mertu u proċeduri ta' miżuri provviżorji, intiżi għall-għoti ta' miżuri provviżorji. Din is-sitwazzjoni tħalli lok għal kunċetti legali differenti dwar il-qasam ta' applikazzjoni tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003.

49 Mill-approċċ legali adottat mill-Juzgado de Primera Instancia n.º 4 de San Lorenzo de El Escorial u mill-Audiencia Provincial de Madrid jirriżulta li qorti Spanjola hija kkunsidrata fis-sens tal-Artikoli 16 u 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, bħala li tressqet kawża quddiemha permezz tal-introduzzjoni ta' talba għal miżuri provviżorji. Il-proċedura għal miżuri provviżorji, flimkien ma' rikors fuq il-mertu ppreżentat sussegwentement, jikkostitwixxu unità proċedurali. Madankollu, digriet għal miżuri provviżorji ma jibqax *ipso jure* kkunsidrat validu jekk rikors fuq il-mertu ma jiġix ippreżentat fit-30 ġurnata min-notifika tad-digriet ta' miżuri provviżorji.

50 Skont id-digriet tal-14 ta' Mejju 2009 tal-Oberlandesgericht Stuttgart, madankollu, l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jikkonċernax ir-relazzjoni bejn rikors fuq il-mertu u proċeduri għal miżuri provviżorji, billi dawn il-proċeduri għandhom għanijiet differenti, anki jekk deċiżjoni dwar il-kustodja ta' wild għandha l-istess effetti kemm jekk mogħtija bħala miżuri provviżorji jew fuq il-mertu. Din l-interpretazzjoni hija ġġustifikata wkoll mill-fatt li l-Artikoli 21 *et seq* tar-Regolament Nru 2201/2003 ma japplikax għall-miżuri provviżorji fis-sens tal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Amtsgericht Stuttgart iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel dawn id-domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament [Nru 2201/2003] huma applikabbli fil-każ fejn l-ewwel tkun tressqet kawża quddiem qorti ta' Stat Membru minn waħda mill-partijiet fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri sabiex jinkisbu miżuri provviżorji biss u sussegwentement titressaq kawża quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor mill-parti l-oħra li titlob li tingħata deċiżjoni fuq il-mertu?

2) Dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw ukoll meta deċiżjoni adottata fir-rigward ta' proċeduri għal miżuri provviżorji separati fi Stat Membru ma tistax tiġi rikonoxxuta fi Stat Membru ieħor fis-sens tal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 2201/2003?

3) Talba għal miżuri provviżorji li titressaq quddiem qorti ta' Stat Membru għandha tiġi ekwiparata ma' talba għal deċiżjoni fuq il-mertu fis-sens tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 meta d-dritt proċedurali nazzjonali ta' dan l-Istat jipprovdi li, sabiex jiġu evitati żvantaġġi tad-dritt proċedurali nazzjonali, għandha titressaq kawża quddiem l-imsemmija qorti, fi żmien determinat, sabiex tingħata deċiżjoni fuq il-mertu?"

## Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

52 Fid-deċiżjoni tar-rinviju, l-Amtsgericht Stuttgart talbet li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jkun suġġett għal proċedura mħaffa skont Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, u barra minn dan issuġġeriet li dan ir-rinviju jkun suġġett għall-istess kulleġġ li ddeċieda dwar it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof. Permezz ta' ittra tal-1 Lulju 2010, l-Amtsgericht Stuttgart wettqet kjarifika tat-talba tagħha fejn ippreċiżat li din ma kinitx tirreferi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 104b tar-Regoli tal-Proċedura, iżda għall-Artikolu 104a ta' dan ir-regolament.

53 Permezz ta' digriet tal-15 ta' Lulju 2010, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' din it-talba.

## Fuq id-domandi preliminari

54 Bl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 huwa applikabbli meta qorti ta' Stat Membru li l-ewwel tkun tressqet kawża quddiemha minn parti waħda għall-ksib ta' miżuri fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri hija biss mitluba sabiex tiddeċiedi għall-miżuri provviżorji u li sussegwentement titressaq kawża quddiem qorti ta' Stat Membru mill-parti l-oħra għal talba li għandha l-istess suġġett sabiex tingħata deċiżjoni fuq il-mertu. It-tieni domanda tirrigwarda l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għal deċiżjoni għall-miżuri provviżorji li ma tistax tiġi rikonoxxuta fis-sens tal-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament, filwaqt li t-tielet domanda tirrigwarda l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għal proċedura għall-ksib ta' miżuri provviżorji li eventwalment ikunu marbuta ma' proċedura fuq il-mertu.

55 Huwa meħtieġ li dawn id-domandi jiġu eżaminati flimkien.

*Osservazzjonijiet tal-partijiet*

56 Żewġ teoriji ġew żviluppati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

57 Minn naħa, B. Purrucker, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni Ewropea sostnew li ma hemm l-ebda *lis alibi pendens* fil-każ ta' proċedura fuq il-mertu li tiżvolġi fl-istess ħin ma' proċedura intiża għall-ksib ta' miżuri provviżorji li wasslet għall-adozzjoni ta' deċiżjoni, anki jekk din il-proċedura tista' tikkostitwixxi unità proċedurali mat-talba fuq il-mertu, meta din tkun introdotta f'terminu previst mil-liġi. Kull proċedura għandha tiġi kkunsidrata bħala entità awtonoma u l-*lis alibi pendens* jispiċċa ladarba tittieħed deċiżjoni.

58 Il-Gvern Ġermaniż jenfasizza li kieku dan ma kienx il-każ, bidla tar-residenza abitwali tal-wild ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni, anki jekk ir-Regolament Nru 2201/2003 jikkunsidra tali bidla, li jmur kontra l-għan ta' dan ir-regolament, li huwa li jippermetti lill-eqreb qorti għall-wild li tiddeċiedi fir-rigward tar-responsabbiltà tal-ġenituri. Barra minn dan, il-fatt li jiġi kkunsidrat li hemm *lis alibi pendens* fil-każ ta' proċedura fuq il-mertu li tiżvolġi fl-istess ħin ma' proċedura intiża għall-ksib ta' miżuri provviżorji li wasslet għall-adozzjoni ta' deċiżjoni tobbliga lit-tieni qorti li quddiemha tressqet il-kawża sabiex tipproċedi għall-investigazzjonijiet fuq id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru tal-ewwel qorti li quddiemha tressqet il-kawża, sabiex issir taf jekk l-għoti ta' miżuri provviżorji jimplika jew le li proċedura fuq il-mertu hija dejjem pendenti. Fl-aħħar nett, il-Gvern Ġermaniż jinvoka r-riskju tad-determinazzjoni mill-istess partijiet tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni ("forum shopping") jekk jintlaqa' l-kriterju

tal-urġenza sabiex jinkiseb li qorti li tikkunsidra li għandha ġurisdizzjoni, tagħti miżuri provviżorji urġenti u tibqa' dik il-qorti li għandha tisma' t-talba fuq il-mertu.

59 Min-naħa l-oħra, il-Gvern Ċek, il-Gvern Spanjol u l-Gvern Franċiż isostnu li n-natura tal-proċeduri, għall-miżuri provviżorji jew fuq il-mertu, ma taffettwax l-applikazzjoni tal-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003. Filwaqt li jfakkar il-punt 130 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża li tat lok għas-sentenza Purrucker, iċċitata iktar 'il fuq, il-Gvern Franċiż jenfasizza li dan ir-regolament kollu kemm hu ma jagħmilx distinzjoni bejn id-deċiżjonijiet finali jew konkreti minn naħa, u d-deċiżjonijiet provviżorji min-naħa l-oħra, kemm jekk fil-Kapitoli 1 u 2 ta' dan ir-regolament jew fil-Kapitolu 3 ta' dan ddedikat għar-rikonoxximent. Il-kriterju rilevanti huwa dak li ż-żewġ talbiet pendenti jkollhom l-istess suġġett u l-istess bażi ġuridika, li huwa l-każ meta żewġ ġenituri jitolbu kull wieħed minnhom il-kustodja tal-istess wild, kemm jekk bħala miżuri provviżorji jew bħala deċiżjoni finali.

60 Il-partijiet kollha kkonċernati fis-sens tal-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentaw osservazzjonijiet li jikkunsidraw li ma hemm l-ebda *lis alibi pendens* meta waħda mit-talbiet intiżi għall-ksib ta' miżuri provviżorji fis-sens tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003, jew meta l-ewwel l-qorti li tkun tressqet il-kawża quddiemha tkun diġà ordnat il-miżuri provviżorji fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

61 Il-Kummissjoni madankollu tenfasizza li huwa diffiċli għat-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha, sabiex tiddetermina jekk il-miżuri provviżorji humiex adottati mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu jew dawn jirrigwardawx miżuri provviżorji fis-sens tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003. Huwa għal din ir-raġuni li l-Kummissjoni ssostni l-istess argument sostnut mill-Gvern Ġermaniż, jiġifieri li proċedura għall-ksib ta' miżuri provviżorji hija proċedura awtonoma, li tintemm bl-adozzjoni tad-deċiżjoni li tagħti miżuri bħal dawn. Hija madankollu tammetti li għandu jkun hemm eċċezzjoni għal din ir-regola meta d-dritt nazzjonali

jimponi lir-rikorrent li jibda proċedura għal miżuri provviżorji qabel ma jkun jista' jibda proċedura fuq il-mertu.

62 Il-parti l-kbira tal-persuni kkonċernati li ppreżentaw osservazzjonijiet indikaw li jekk ir-regola dwar il-*lis alibi pendens* fl-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 2201/2003 kienet l-istess bħal dik fl-Artikolu 21 tal-konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32), kif emendata bil-konvenzjoni tad-9 ta' Ottubru 1978 dwar l-adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, tal-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (ĠU L 304, p. 1 u - it-test emendat - p. 77), bil-konvenzjoni tal-25 ta' Ottubru 1982 dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 388, p. 1), bil-konvenzjoni tas-26 ta' Mejju 1989 dwar l-adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża (ĠU L 285, p. 1) kif ukoll mill-konvenzjoni tad-29 ta' Novembru 1996 dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Isvezja (ĠU 1997, C 15, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell") u l-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 33, p. 107), l-għan u d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn it-testi differenti kienu wisq differenti sabiex japplikaw, fil-kuntest tar-Regolament Nru 2201/2003, is-soluzzjonijiet eventwalment adottati fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Brussell jew tar-Regolament Nru 44/2001.

63 Il-Gvern Ġermaniż enfasizza b'mod partikolari li, fi kwistjonijiet tad-dritt ċivili li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001, miżura provviżorja għandha saħħa eżekuttiva ta' *res judicata* limitat, meta d-deċiżjoni fuq il-mertu tikseb saħħa eżekuttiva sħiħa ta' *res judicata*. Dan ma huwiex il-każ għal miżura provviżorja adottata fil-qasam tal-awtorità tal-ġenituri, li jkollha saħħa eżekuttiva ta' *res judicata* formali iżda mhux materjali, fis-sens li tista' sussegwentement tkun suġġetta għal deċiżjoni ġdida sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni ċirkustanzi ġodda. Barra min dan, hekk kif ikkonstatat il-Kummissjoni, ir-regoli dwar il-kunflitti ta' deċiżjonijiet huma differenti.

*Ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja*

64 Ir-regoli dwar il-*lis alibi pendens*, fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja fl-Unjoni, ifittxu li jevitaw proċeduri paralleli quddiem il-qrati ta' Stati Membri differenti u deċiżjonijiet kunfliġġenti li jistgħu jirriżultaw (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-Konvenzjoni ta' Brussell, is-sentenzi tad-9 ta' Diċembru 2003, Gasser, C-116/02, Ġabra p. I-14693, punt 41, kif ukoll tal-14 ta' Ottubru 2004, Mærsk Olie & Gas, C-39/02, Ġabra p. I-9657, punt 31).

65 Skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, hemm *lis alibi pendens* meta l-kawżi li għandhom x'jaqsmu mar-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward ta' wild, li għandhom l-istess suġġett u bażi ġuridika, jitressqu quddiem qrati ta' Stati Membri differenti. F'dan ir-rigward, ma huwiex neċessarju li l-kawżi jirrigwardaw l-istess partijiet.

66 Fid-dawl tal-għanijiet imfittxija mir-Regolament Nru 2201/2003 u ċ-ċirkustanza li t-test tal-Artikolu 19(2) ta' dan ir-regolament, minflok jirreferi għat-terminu ta' "*lis* [*alibi*] *pendens*" kif użat fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali differenti tal-Istati Membri, jistabbilixxi numru ta' kundizzjonijiet materjali bħala elementi ta' definizzjoni, wieħed irid jikkonkludi li l-kunċetti użati fl-Artikolu 19(2) sabiex jiddeterminaw sitwazzjoni ta' *lis alibi pendens* għandhom jitqiesu bħala awtonomi (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-Konvenzjoni ta' Brussell, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 1987, Gubisch Maschinenfabrik, 144/86, Ġabra p. 4861, punt 11).

67 Il-kunċetti tal-"istess minuri [suġġett]" u l-"istess kawża [bażi ġuridika]" għandhom ikunu ddefiniti fil-kuntest tal-għan tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, li huwa li jipprevjeni deċiżjonijiet inkonsistenti.

68 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fil-kuntest tal-Konvenzjoni ta' Brussell, is-suġġett tal-kawża jikkonsisti fl-iskop tat-talba (ara s-sentenza tas-6 ta' Diċembru 1994, Tatry, C-406/92, Ġabra p. I-5439, punt 41). Sabiex tivverifika jekk żewġ talbiet għandhomx l-istess għan, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet f'kull kawża (sentenza tat-8 ta' Mejju 2003, Gantner Electronic, C-111/01, Ġabra p. I-4207, punt 26). Barra minn dan, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat il-kunċett ta' "kawża [bażi ġuridika]" bħal li tinkludi l-fatti u r-regola ġuridika invokata bħala bażi għat-talba (ara s-sentenza Tatry, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

69 Ġustament, il-partijiet kollha kkonċernati li ppreżentaw osservazzjonijiet isostnu li ma jeżistix *lis alibi pendens* bejn talba għall-ksib ta' miżuri provviżorji fis-sens tal-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament u ta' talba fuq il-mertu.

70 Fil-fatt, hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret fil-punt 61 tas-sentenza Purrucker, iċċitata iktar 'il fuq, l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jistax jiġi kkunsidrat bħala dispożizzjoni li tikkonferixxi ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu.

71 Barra minn dan, l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma għandhiex tipprevjeni t-tressiq ta' kawża quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu. L-Artikolu 20(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 jipprevjeni kull riskju ta' deċiżjonijiet kunfliġġenti bejn deċiżjoni li tagħti miżuri provviżorji fis-sens tal-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament u deċiżjoni adottata mill-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu billi tipprovdi li l-miżuri provviżorji fis-sens tal-Artikolu 20(1) ta' dan ir-regolament jieqfu milli jkollhom effett meta l-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu tkun ħadet il-miżuri li hija tikkunsidra xierqa.

72 Il-*lis alibi pendens* fis-sens tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 tista' għaldaqstant teżisti biss meta żewġ proċeduri jew iktar li għandhom l-istess suġġett

u l-istess bażi ġuridika huma pendenti quddiem qrati differenti u li r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri differenti jitolbu sabiex jingħataw deċiżjoni li tkun suxxettibbli ta' rikonoxximent fi Stat Membru ieħor ta' qorti li titressaq kawża quddiemha minħabba li għandha ġurisdizzjoni sabiex tisma' fuq il-mertu.

73 F'dan ir-rigward, ma jistax ikun hemm distinzjoni magħmula fuq in-natura tal-proċeduri mibdija quddiem dawn il-qrati, jiġifieri proċeduri għal miżuri provviżorji jew proċeduri fuq il-mertu. Fil-fatt, ma jirriżulta la mill-kunċett ta' "deċiżjoni" msemmi fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament Nru 2201/2003 u lanqas mill-Artikoli 16 u 19 tiegħu, li rispettivament jikkonċernaw it-tressiq ta' kawża quddiem qorti u l-*lis alibi pendens*, li dan ir-regolament jagħmel distinzjoni bħal din. Dan huwa wkoll il-każ tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament li jirrigwardaw ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet, bħall-Artikoli 21 u 23 tiegħu.

74 Barra minn dan, l-użu ta' proċedura jew ta' oħra tista' tkun iddettata mill-partikolaritajiet tad-dritt nazzjonali. Il-Kummissjoni ddiskutiet il-possibbiltà ta' dritt nazzjonali li jipprovdi għall-obbligu li tinbeda proċedura għal miżuri provviżorji qabel ma tinbeda proċedura fuq il-mertu.

75 Fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 68 ta' din is-sentenza, u b'mod partikolari għas-sentenza Gantner Electronic, iċċitata iktar 'il fuq, jirriżulta li għalhekk huwa neċessarju li jiġi vverifikat jekk l-intenzjoni tar-rikorrent quddiem l-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha huwiex li jikseb deċiżjoni minn din il-qorti minħabba l-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003.

76 It-tqabbil tal-intenzjoni tar-rikorrent quddiem din il-qorti u tar-rikorrent quddiem it-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha jippermetti lil din tal-aħħar tevalwa jekk f'dan il-każ hemmx jew ma hemmx *lis alibi pendens*.

77 Jekk jirriżulta manifestament mis-suġġett tat-talba mressqa quddiem l-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha u miċ-ċirkustanzi fattwali li din ma fiha l-ebda element li jippermetti ġustifikazzjoni ta' ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu, fis-sens tar-regolament Nru 2201/2003, tal-qorti li tressqet din il-kawża quddiemha, it-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha tkun tista' tikkunsidra li ma hemmx *lis alibi pendens*.

78 Min-naħa l-oħra, jidher mit-talbiet tar-rikorrent jew mill-fatti li jinsabu fit-talba magħmula quddiem l-ewwel qorti li tressqet il-kawża quddiemha, anki jekk din kienet intiża għall-ksib ta' miżuri provviżorji, li din ġiet imressqa quddiem qorti li mal-ewwel daqqa ta' għajn, setgħet kellha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu, hija t-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha li għandha tissospendi l-proċeduri quddiemha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003, sakemm il-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti li tressqet il-kawża quddiemha tiġi stabbilita. Skont iċ-ċirkustanzi u jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament huma ssodisfatti, it-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha tista' tieħu l-miżuri provviżorji meħtieġa fl-interess tal-wild.

79 L-eżistenza ta' deċiżjoni ta' qorti li tagħti miżuri provviżorji, mingħajr ma jkun ippreċiżat f'din id-deċiżjoni, jekk il-qorti li adottat dawn il-miżuri għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu, ma jistax jikkostitwixxi prova, insostenn tal-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens*, tal-eżistenza ta' talba fuq il-mertu, fin-nuqqas ta' dettalji dwar il-ġurisdizzjoni tal-ewwel qorti li tressqet kawża quddiemha u għaċ-ċirkustanzi ta' fatt fit-talba fuq il-mertu.

80 Madankollu, hija t-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha li għandha tivverifika jekk, id-deċiżjoni tal-ewwel qorti li tressqet il-kawża quddiemha, li tagħti miżuri provviżorji, kienet biss deċiżjoni li għandha twassal għal deċiżjoni sussegwenti adottata fid-dawl

ta' għarfien aħjar tal-kawża u f'ċirkustanzi li ma jkunux iktar ikkaratterizzati minn urġenza għal deċiżjoni. It-tieni qorti li tressqet talba quddiemha għandha għalhekk tivverifika wkoll jekk teżistix unità proċedurali bejn it-talba li kienet is-suġġett tal-miżuri provviżorji u talba mressqa sussegwentement.

81 Skont il-possibiltajiet previsti mid-dritt nazzjonali tagħha, it-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha tista', fejn iż-żewġ kawżi jinvolvu l-istess partijiet, tistaqsi lill-parti li tinvoka l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* tal-eżistenza tal-allegata kawża u tal-kontenut tat-talba. Barra minn dan, fid-dawl tal-fatt li r-Regolament Nru 2201/2003 huwa bbażat fuq il-kooperazzjoni u l-fiduċja reċiproka bejn il-qrati, din il-qorti tista' tinforma lill-ewwel qorti li tressqet il-kawża quddiemha tat-tressiq tat-talba quddiemha, tiġbed l-attenzjoni ta' din tal-aħħar għall-possibbiltà ta' *lis alibi pendens*, tistieden lil din tal-aħħar tikkomunikalha l-informazzjoni dwar it-talba pendenti quddiemha u li tiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni tagħha fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003 jew li tikkomunikalha kull deċiżjoni li diġà ttieħdet f'dan ir-rigward. Fl-aħħar nett, it-tieni qorti li tressqet kawża quddiemha tista' tikkuntattja lill-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tagħha.

82 Jekk, minkejja l-isforzi mwettqa mit-tieni qorti li quddiemha tressqet il-kawża, din ma tiddisponi minn l-ebda element li juri l-eżistenza ta' talba mressqa quddiem qorti oħra u li tippermtti li jiġi ddeterminat is-suġġett u l-bażi ġuridika ta' din it-talba, u li b'mod partikolari jindika l-ġurisdizzjoni tal-qorti l-oħra li quddiemha tressqet kawża skont ir-Regolament Nru 2201/2003, hija għandha, wara terminu raġonevoli ta' stennija għal risposti għad-domandi minnha magħmula, tkompli għaddejja bl-eżami tat-talba mressqa quddiemha.

83 It-tul ta' dan it-terminu raġonevoli ta' stennija għandu jiġi stabbilit mill-qorti l-ewwel nett skont l-interessi tal-wild. Il-fatt li huwa wild ta' età żgħira huwa kriterju li għandu jiġi kkunsidrat f'dan ir-rigward (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2008, Rinau, C-195/08 PPU, Ġabra p. I-5271, punt 81).

84 Għandu jitfakkar li r-Regolament Nru 2201/2003 għandu l-għan, fl-aqwa interessi tal-wild, li jippermetti lill-qorti li hija l-eqreb tiegħu, u li għalhekk hija l-iktar waħda li taf tajjeb is-sitwazzjoni tiegħu u l-istat tal-iżvilupp tiegħu, li tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa.

85 Fl-aħħar nett, għandu jiġi enfasizzat li skont l-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 2201/2003, il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Istat Membru tal-oriġini ma tistax tiġi riveduta. Madankollu, jekk l-Artikolu 19(2) ta' dan ir-regolament jipprovdi li t-tieni qorti li quddiemha tressqet il-kawża għandha tiddeċiedi fil-każ ta' *lis alibi pendens*, dan huwa preċiżament sabiex l-ewwel qorti li quddiemha tkun tressqet il-kawża tkun tista' tiddeċiedi dwar il-ġurisdizzjoni tagħha.

86 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jirriżulta li r-risposta għad-domandi magħmula għandha tkun li:

— Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament Nru 2201/2003 ma humiex applikabbli fejn kawża li titressaq quddiem qorti ta' Stat Membru sabiex jinkisbu miżuri fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri tkun tressqet quddiemha biss sabiex tiddeċiedi dwar miżuri provviżorji skont l-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament u li sussegwentement titreessaq quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu fis-sens tal-istess regolament, talba għall-għoti tal-istess miżuri, kemm jekk temporanji jew definittivi.

— Il-fatt li titressaq kawża quddiem qorti ta' Stat Membru fil-kuntest ta' proċedura għal miżuri provviżorji jew li tittieħed deċiżjoni fil-kuntest ta' tali proċedura u li minn ebda element tat-talba mressqa jew tad-deċiżjoni adottata ma jirriżulta li l-qorti li quddiemha tressqet il-kawża għal miżuri provviżorji għandha ġurisdizzjoni fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jwassalx neċessarjament għall-esklużjoni tal-eżistenza, hekk kif jista' eventwalment jawtorizza d-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat Membru, ta' talba li fil-mertu hija relatata mat-talba għal

miżuri provviżorji u li fiha elementi li jindikaw li l-qorti li quddiemha tressqet il-kawża għandha ġurisdizzjoni skont dan ir-regolament.

— Meta, minkejja l-isforzi mwettqa mit-tieni qorti li quddiemha tressqet il-kawża sabiex tikseb tagħrif mill-parti li titlob il-*lis alibi pendens*, mill-ewwel qorti li quddiemha tressqet il-kawża u mill-awtorità ċentrali, it-tieni qorti ma għandha l-ebda element li jippermetti li jiġi ddeterminat li s-suġġett u l-bażi ġuridika ta' talba mressqa quddiem qorti oħra u intiża sabiex, b'mod partikolari, tindika l-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti skont ir-Regolament Nru 2201/2003, u li minħabba f'ċirkustanzi partikolari, l-interess tal-wild jeħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjoni suxxettibbli li tiġi rikonoxxuta fi Stati Membri oħra minbarra dak tat-tieni qorti li quddiemha tressqet il-kawża, huwa għal din l-aħħar qorti li wara perijodu raġonevoli ta' stennija għar-risposti għad-domandi magħmula, tkompli tikkunsidra t-talba mressqa quddiemha. It-tul ta' dan il-perijodu raġonevoli għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-wild fir-rigward taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża inkwistjoni.

**Fuq l-ispejjeż**

87 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' rimbors.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla), taqta' u tiddeċiedi:

**Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, ma humiex applikabbli fejn kawża li titressaq quddiem qorti ta' Stat Membru sabiex jinkisbu miżuri fil-qasam tar-responsabbiltà tal-ġenituri tkun tressqet quddiemha biss sabiex tiddeċiedi dwar miżuri provviżorji skont l-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament u li sussegwentement titressaq quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq il-mertu fis-sens tal-istess regolament, talba għall-għoti tal-istess miżuri, kemm jekk temporanji jew definittivi.**

**Il-fatt li titressaq kawża quddiem qorti ta' Stat Membru fil-kuntest ta' proċedura għal miżuri provviżorji jew li tittieħed deċiżjoni fil-kuntest ta' tali proċedura u li minn ebda element tat-talba mressqa jew tad-deċiżjoni adottata ma jirriżulta li l-qorti li quddiemha tressqet il-kawża għal miżuri provviżorji għandha ġurisdizzjoni fis-sens tar-Regolament Nru 2201/2003 ma jwassalx neċessarjament għall-esklużjoni tal-eżistenza, hekk kif jista' eventwalment jawtorizza d-dritt nazzjonali ta' dan l-Istat Membru, ta' talba li fil-mertu hija relatata mat-talba għal miżuri provviżorji u li fiha elementi li jindikaw li l-qorti li quddiemha tressqet il-kawża għandha ġurisdizzjoni skont dan ir-regolament.**

**Meta, minkejja l-isforzi mwettqa mit-tieni qorti li quddiemha tressqet il-kawża sabiex tikseb tagħrif mill-parti li titlob il-*lis alibi pendens*, mill-ewwel qorti li quddiemha tressqet il-kawża u mill-awtorità ċentrali, it-tieni qorti ma għandha l-ebda element li jippermetti li jiġi ddeterminat li s-suġġett u l-bażi ġuridika ta' talba mressqa quddiem qorti oħra u intiża sabiex, b'mod partikolari, tindika l-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti skont ir-Regolament Nru 2201/2003, u**

**li minħabba f'ċirkustanzi partikolari, l-interess tal-wild jeħtieġ l-adozzjoni ta' deċiżjoni suxxettibbli li tiġi rikonoxxuta fi Stati Membri oħra minbarra dak tat-tieni qorti li quddiemha tressqet il-kawża, huwa għal din l-aħħar qorti li wara perijodu raġonevoli ta' stennija għar-risposti għad-domandi magħmula, tkompli tikkunsidra t-talba mressqa quddiemha. It-tul ta' dan il-perijodu raġonevoli għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-wild fir-rigward taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża inkwistjoni.**

Firem